MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 30/2002/1

Nicholas Farrugia
vs
Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-attur li bih ippremetta:

Illi permezz ta'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 2 ta' Ottubru 2002, kienet giet riformata s-sentenza appellata fil-konfront tieghu billi rrevokata in kwantu sabitu hati ta' sewqan bla licenzja u bla polza tas-sigurta` w in kwantu kkundannatu piena komplessiva ta' hames snin prigunerija u minnflok issibu mhux hati ta' dawn iz-zewg akkuzi u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tliet snin u sitt xhur.

Illi din is-sentenza tal-appell kienet qieghda tiddeciedi kaz fuq fatti li ssuccedew kwazi 20 sena ilu.

Illi mill-istess process ta' dina l-kawza ghandu jirrizulta li sehhew diversi cirkustanzi li servew ta' pregudizzju sostanzjali ghar-rikorrent, ghal liema cirkustanzi r-rikorrent ma jahti xejn bil-konsegwenza li mhux talli huwa wehel piena karcerarja kwazi 20 sena wara li gara l-kaz izda dan gara 17-il sena wara li l-Qorti stess iddikjarat lir-rikorrent bhala bniedem riformat u kwazi 9 snin wara li din il-kawza kienet giet differita l-ewwel darba ghas-sentenza.

Illi mill-process inniffsu ghandu jirrizulta li r-rikorrent ma jahti xejn ghal tali dewmien li tassew qatt ma jista' jigi meqjus bhala wiehed ragjonevoli:

a) Ir-rikorrent kien tressaq f'Novembru tas-sena 1983 fuq fatti li allegatament graw f'dawk iz-zmenijiet;
b) Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti giet moghtija kwazi 10 snin wara; illi huwa minnu li tali dewmien seta sehh in parti minnhabba proceduri Kostituzzjonali, pero` dawn ma kienux gew istitwiti minnu;
c) Illi wara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, l-appell tar-rikorrent kien gie mismugh u trattat relattivament malajr tant li dina l-kawza thalliet ghas-sentenza finali fis-seduta tal-11 ta' Jannar tas-sena 1994 u baqghet tigi differita ghal dan l-iskop, seduta wara ohra mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif diversament presjeduta sakemm inghatat is-sentenza tal-appell precitata fit-2 ta' Ottubru 2002 cioe` kwazi disa' snin shah wara.

Illi ghandu jigi rilevat li huwa assolutament inaccettabbli w ingustifikat li kawza ta' din in-natura tithalla ghas-sentenza seduta wara ohra ghal dan it-tul ta' zmien kollu.
Illi ghalhekk ghandu jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubbju li r-rikorrent tassew ma nghatax gustizzja fi zmien ragjonevoli kif hemm stipulat fil-Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 39) u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 6).

Illi dan id-dewmien kien u ghadu jservi ta' pregudizzju serjissimu ghar-rikorrent partikolarment meta tqis illi:

a) Huwa gie kkundannat ghal piena karcerarja fuq fatti li sehhew kwazi 20 sena ilu;

b) Gie konfermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali li tat is-sentenza in kwistjoni li r-rikorrent kien bniedem riformat sa mis-sena 1985;

c) Gie konfermat minn diversi rapporti ta' welfare officers li jinsabu fil-process li r-rikorrent kien ilu li qabad it-triq it-tajba u kien qed jghix hajja ezemplari;

d) Gie konfermat minn sentenzi ohra precedenti inkluzi wahda moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li r-rikorrent kien bniedem riformat u ghalhekk ma kienx jisthoqqlu piena ta' natura karcerarja u liema sentenza kienu jittrattaw u jikkoncernaw fatti li sehhew wara dawk tal-kaz in ezami.

Illi ghalhekk fil-process innifsu jezistu provi sufficjenti li r-rikorrent huwa bniedem li kien ilu zmien twil li rriforma ruhu tant li l-Qorti tal-Appell Kriminali stess ghamlet riflessjoni ta' dawn ir-rizultanzi fis-sentenza taghha.
Illi ghalhekk ma hemmx dubju li s-sentenza in kwistjoni li nghatat wara dan it-traspass kollu ta' zmien u l-piena hemm inflitta certament mhux talli kkawzat dannu u pregudizzju serju lir-rikorrent izda sahansitra tammonta ghal lezjoni cara tad-drittijiet fondamentali tieghu ai termini ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif kontenuta fl-iskeda tal-Att nru XIV tas-sena 1987 (Kap 319).

Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti.

1. Tiddikjara li fil-proceduri gudizzjarji hawn fuq indikati gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent in kwantu l-gudizzju in kwistjoni ma giex processat u deciz fi zmien ragjonevoli u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Tiddikjara li s-sentenza precitata tal-Qorti tal-Appell Kriminali u/jew il-piena inflitta ghandha tigi meqjusa bhala nulla u bla effett u kwindi r-rikorrent ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni u /jew piena.

3. Okkorrendo taghti kull provvediment u/jew rimedju iehor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Avukat Generali li eccepew:

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante illi huwa ma jirrispondix ghall-allegat dewmien imsemmi fir-rikors promotorju. Ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ghar-rikorrent.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel paragrafu tar-rikors promotur mhux car bizzejjed dwar it-tip ta' reati li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) ikkonfermat li r-rikorrent fil-fatt kien hati. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hija mistiedna tifli s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) tat-2 ta' Ottubru, 2002 (190/1993/1) biex tkun tista' tikkonstata ahjar il-ghala nghatat is-sentenza msemmija.

Illi dwar it-tul ta' zmien, l-intimati fil-mument m'ghandhomx il-process ghad-disposizzjoni taghhom biex jaraw il-verbali u jirriservaw id-dritt li jaghmlu dan f'mument aktar opportun. Il-principji enuncjati dejjem kienu: il-komplessita` tal-kaz, l-imgieba tal-Qorti u l-imgieba ta' l-individwu matul il-proceduri. Mir-rikors promotorju jidher li l-process twal minhabba proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u mhux minhabba l-imgieba tal-Qorti.

Illi ghalhekk prima facie jidher li ma kien hemm ebda ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Aktar u aktar galadarba l-ewwel sentenza tnaqqset konsiderevolment u dan minnu nnifsu jfisser li jekk qatt kien hemm dewmien fil-proceduri (punt

kontestat) dan gie sanat bit-tnaqqis fis-sentenza. (Ara: Beck vs Norway).

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-tul tal-proceduri (jekk jezisti) ma jwasslux biex tithassar is-sentenza moghtija minn xi Qorti, tkun liema tkun, civili jew kriminali. Isegwi li t-tieni talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

Illi, ghal dawk li jirrigwarda kummenti dwar ir-riforma tar-rikorrent (pagna 2 tar-rikors, para. 2), l-intimati issottomettew li mhix il-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Prim'Awla li tirriforma jew thassar xi sentenza moghtija minn Qorti ohra ghaliex din l-Onorabbli Qorti mhux Qorti tat-Tielet Istanza.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi intalbet u t-talba giet milqugha l-allegazzjoni tal-process 190/1993. Illi Dr R Fenech Adami ghar-rikorrent ghamel referenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta u cioe` ghal dik tat-8 ta' Gunju 2000 fl-ismijiet Angelo Attard vs Avukat Generali et u Joseph Attard vs Avukat Generali et u strah fuq id-dritt bhala ksur kostituzzjonali fuq dawk is-sentenzi. Rat in-nota tar-rikorrent tat-28 ta' Jannar 2003 li biha hu mhux qieghed jinsisti fuq l-impunjazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali in toto jew in parte in vista tal-Mahfra Presidenzjali li nghatatlu fuq il-kumplament tal-piena datata 24 ta' Jannar, 2003 filwaqt li zamm ferm u shih d-dritt li jitlob rimedju pekunjarju u / jew kull rimedju iehor dwar id-dewmien bla bzonn li sofra minhabba l-proceduri lamentati. Illi l-intimati ikkonfermaw li r-rikorrent ibbenefika mill-mahfra Presidenzjali li permezz taghha l-piena karcerarja giet konvertita f'multa ta' hames mitt lira u li dan il-fatt huwa relevanti hafna fil-

konsiderazzjoni tat-talba li r-rikorrent qieghed izomm ferma u cioe` t-talba ghall-allegat dewmien fil-proceduri u ghal kumpens relattiv.

Ezaminat il-process allegat minn fejn jirrizulta li r-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Novembru, 1983. Saru diversi seduti u rinviji u ghall-ewwel meta wiehed jikkunsidra l-komplessita` tal-kaz u l-kwantita` ta' akkuzi maghmula kontra l-akkuzat il-kawza kienet miexja b'ritmu mghaggel. Importanti li wiehed izomm f'mohhu li r-rikorrent kien akkuzat flimkien ma' persuni ohra b'diversi serqiet fosthom erbatax-il serqa separata ta' vetturi, serq ta' diversi oggetti ohra u cioe` serq ta' television, speakers, lilos, fallakki, travetti, ghodda, revolver. Kien akkuzat b'arrest u zamm ta' persuna kontra' l-volonta` tieghu u bi stupru, u li kkaguna feriti ta' natura hafifa, sewqan minghajr licenzja u mhux koperti b'polza tas-sigurta`, b'recidiva u bi ksur tal-artikolu 9 tal-Att XII tal-1957.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi jekk wiehed jezamina l-process fid-dettal jirrizulta li r-rikorrent flimkien ma' tlitt imputati ohra gie prezentat fis-16/11/83 [sa fol 27]. Wara inzammu dawn is-seduti:
5/12/83 [sa fol 100]
10/1/84 [sa fol 113
16/2/84 [sa fol 160]
21/3/84 [sa fol 177]
7/5/84 [sa fol 195]
20/6/84 [sa fol 222]
24/7/84 [ sa fol 228]
16/10/84 [ sa fol 250]
12/11/84 [sa fol 276]
27/12/84 [fol 278 ] fejn ma sar xejn minhabba l-Prosekuzzjoni – Pulizija
27/3/85 [sa fol 293]
17/5/85 [sa fol 299]
2/7/85 ma sar xejn ghax il-Prosekuzzjoni [il-Pulizija] ma dehritx
19/7/85 [sa fol 304]
4/10/85 [sa fol 321]

19/12/85 fejn ma sar xejn minhabba l-Prosekuzzjoni [Pulizija]
20/2/86 fejn ma sar xejn minhabba l-Prosekuzzjoni [Pulizija]
18/4/86 [sa fol 331]
17/6/86 [sa fol 335]
13/8/86 Qorti okkupata b’xoghol iehor
7/10/86 [sa fol 342]
1/12/86 [sa fol 347] ma sar xejn kawza tal-Prosekuzzjoni [Pulizija]
16/1/87 [sa fol 351]
19/5/87 fejn ma saru ebda provi mill-Prosekuzzjoni [Pulizija]
6/7/87 talba ghal differiment tal-imputati
31/8/87 Prosekuzzjoni [Pulizija ] ma ressqet ebda provi
20/10/87 Prosekuzzjoni [Pulizija ] ma ressqet ebda provi
3/12/87 [sa fol 370]
22/1/88 [sa fol 374]
4/3/88 [sa fol 385]
2/5/88 [sa fol 394]
4/7/88 [sa fol 396]
27/10/88 ma sar xejn
10/3/89 talba ghad-differiment mid-difiza
3/4/89 sollevata eccezzjoni kostituzzjonali mid-difiza
17/4/89 provi fuq l-eccezzjoni kostituzzjonali
3/7/89 [423] referenza ghal Qorti Prim Awla [sede Kost]
24/11/89 dikjarazzjoni li r-referenza hija nulla
22/1/1990 referenza gdida
12/6/1992 saru provi
21/7/1992 [sa fol 445]
23/9/1992 [sa fol 450]
29/9/1992 ma saritx seduta minhabba l-prosekuzzjoni
19/11/1992 trattata l-kawza fil-konfront ta’ Loreto Bonello
15/1/1993 kawza ta’ Nicholas Farrugia differita ghas-sentenza ghat-23/2/1993
23/2/1993 differita ghas-sentenza ghat-23/4/1993
23/4/1993 kawza deciza fil-konfront ta’ Nicholas Farrugia
3/5/1993 rikors ta’ appell ta’ Nicholas Farrugia
17/6/1993 rikors ta’ Nicholas Farrugia biex jitharrku xhieda ohra fl-appell
22/6/1993 Qorti ddeplorat l-assenza tal-konsulent legali tar-rikorrent [fol 494]

22/9/1993 instemghu provi fl-appell [sa fol 536]
28/10/1993 differita ghas-sentenza ghall-11/1/1994
11/1/1994 regghu instemghu xhieda u differita ghas-sentenza ghall-4/4/1994
3/3/1994 Nicholas Farrugia esebixxa dokumenti [fol 548]
Minn hawn ‘il quddiem saru diversi seduti u differimenti li fihom il-Qorti talbet aktar informazzjoni, gew esebiti dokumenti u certifikati, fedini penali, talbiet ghal differimenti mill-imputati inkluz minn Nicholas Farrugia, indispozizzjoni tal-Imhallef. Finalment is-sentenza inghatat fit-2 ta’ Ottubru 2002.

Illi ghalhekk jidher car li l-kawza kienet tittratta kwantita` kbira ta’ serqiet kif ukoll reati ohra dwar erba’ imputati li matul il-kors tal-provi kellhom jigu esebiti kwantita` kbira ta’ dokumenti. Inqalghet ukoll eccezzjoni ta’ natura kostituzzjonali. Intalbu differimenti mill-partijiet kollha. Il-Qorti kif presjeduta li ilha tipprattika ghal tletin sena fil-Qrati Maltin u ghal 22 minnhom bhala gudikant tista’ tapprezza l-volum enormi ta’ xoghol tal-gudikanti u d-diffikultajiet biex wiehed jahdem inkluz li per ezempju l-process allegat gie moghti lilha f’ din il-kawza fi stat dizastruz liema problemi jkomplu jxekklu l-operat tal-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti tista’ tifhem ghaliex kien hemm dewmien kbir izda fl-istess hin il-Qorti osservat li kien hemm diversi seduti fejn l-affarijiet setghu mxew b’ mod hafna aktar veloci u li certament il-process anke konsiderando l-komplessita` u d-diffikultajiet tieghu messu zgur li spicca f’ nofs iz-zmien. Veru wkoll li parti minn dan id-dewmien gie kawzat ukoll mill-istess rikorrent. Inoltre jidher ukoll illi l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat il-fatturi l-ohra relevanti dwar il-kaz meta giet biex tistabbilixxi l-piena. Infatti jirrizulta li f’ dik is-sentenza l-Qorti gja qieset it-trapass ta’ zmien u r-riforma tar-rikorrent u ghalhekk in virtu` tal-principju tal-kawza Beck vs Norway tal-Qorti Ewropeja deciza 26/9/2001 dan il-fattur gja gie kunsidrat.

Issa dwar dewmien fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta Rikors Nru. 624/97 FS fl-ismijiet Joseph Attard vs Avukat Generali deciza fit-8 ta’ Gunju, 2000 gie studjat kaz simili hafna u ghalhekk il-Qorti sejra tirriproduci part estensiva minn dik is-sentenza. Hemm intqal:

“Il-Kostituzzjoni ta’ Malta [Art 39] kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Art 6] jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b’reat kriminali smieh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan hu minhabba:

- Id-dewmien ipoggi fil-periklu l-effettivita u l-kredibilta’ tal-gustizzja [Ara H. vs France, Qorti, 24 ta’ Ottubru 1989];
- Hemm bzonn li jigi assigurat lill-akkuzat l-opportunita’ ta’ difiza xierqa w effettiva [Ara Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – pagni 77 et: “The right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence”.
- Id-dewmien ihalli lill-akkuzat ghal zmien twil fi stat ta’ incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew ir-reita’ tieghu u naturalment id-destin tieghu;
- Proceduri Kriminali fit-tul ghandu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-akkuzat.

Biex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragonevoli kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u d-decizzjonijiet ta’ Strasbourg huma indikattivi u mhux konkluzivi. F’Harris, Boyle & Warbrich, Law of the European Convention on Human rights, 1995, p 228 insibu: “Although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the court has in fact always found a breach of Art. 6 (1). Iz-zmien jibda jiddekorri minn meta l-akkuzat ikun rinfaccjat b’cirkostanzi tali li “substantially affect the situation of the suspect”. Normalment dan jirriferixxi ghall-mument meta persuna tkun infurmata dwar ir-reat li fuqu qedgha tigi investigata jew minn meta tigi arrestata. Mhix rilevanti d-

data ta’ meta sar r-reat, jew meta ssir l-inkjesta magisterjali. Il-gurisprudenza stabbilit tlitt kriterji principali indikattivi tar-ragonevolezza ta’ dan it-tul taz-zmien:

- Il-komplessita’ tal-kaz;
- Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti; hawn wiehed irid iqis il-kwantita’ enormi ta’ xoghol li jinsabu mghaffsa bih il-Qrati taghna, u l-fatt li ghandha tinghata precedenza lil min qieghed taht arrest preventiv; izda il-piz enormi tax-xoghol fuq il-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ppruvat taghmel dak li hu umanament possibli ma jwassalx ghal gustifikazzjoni ta’ dewmien irragonevoli li kull akkuzat ma ghandux ibaghti;
- Il-kondotta tal-applikant – hawn irid jinghad li ghalkemm b’rizultat ta’ eccezzjonijiet u mossi tattici akkuzat jista’ facilment itawwal il-kors tal-proceduri dawn ma ghandhomx jaffetwaw ir-ragonevolezza tad-dewmien sakemm ma jkunux kapriccuzi jew frivoli, u naturalment fl-istess kriterju ta’ dewmien ragjonevoli in-natura ta’ dawn l-eccezzjonijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni.

Minn ezami akkurat tal-processi jirrizulta li:

- Il-gbir tal-provi ha zmien twil; in-numru ta’ rinviji kien esagerat specjalment meta wiehed iqis in-natura tal-akkuzi;
- Ma jidhirx li l-proceduri tal-kumpilazzjonijiet gew immexxija mill-Pulizija b’dik il-kompletezza, attenzjoni, regolarita’ u tempestivita’ li jaminaw il-Kodici Kriminali;
- Min-naha l-ohra ghalkemm ma kienx hemm problemi komplessi biex jitlestew il-proceduri xorta wahda dawn kienu jinnecessitaw ftit trapass taz-zmien minhabba n-natura taghhom, u minhabba diversi rapporti u dokumenti li kellhom jigu prezentati; jinghad li tant kien hemm aspetti differenti li dawn il-proceduri saru quddiem disa’ gudikanti oltre erba’ processi verbali li saru minn gudikanti ohra li certament ma kellhomx x’jaqsmu mad-dewmien tal-kaz;
- Li certu dewmien kien attribwibbli ghal fatt li diversi xhieda ma dehrux meta suppost, ghalkemm f’xi kazijiet kien hemm ragunijiet validi ghal dan in-nuqqas;
- Li certament setgha jigi frankat xi zmien;
- Li s-sistema li matul il-kors tal-kumpilazzjoni isiru kwantita’ enormi ta’ rinviji li hafna minnhom huma

semplicement manuvra biex wiehed jimxi mat-termini imposti mil-ligi mhix b'ebda mod desiderabbli u certament tikkawza hafna hela ta' zmien ghal xejn;

- Din il-Qorti tifhem li nuqqas ta' gudikanti sufficjenti jwassal ghal fatt li gurijiet ma jigux appuntati malajr u dan minhabba l-"workload" esagerata esistenti; pero' hemm bzonn li l-pusizzjoni tigi rimedjata biex kemm jista' jkun persuna akkuzata ma ddumx tant zmien biex issir gustizzja maghha; dan il-fatt johrog aktar w aktar car fil-kaz tal-att tal-akkuza 1/86 li qatt ma gie appuntat mill-1986 meta hareg l-istess Att sad-data tal-ipprezentar tar-rikors odjern – haga li din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuqha;
- Li certament hafna minn dan it-tort hu attribwibbli ghall-Istat ta' Malta;

Li t-trapass twil taz-zmien jnaqqas l-effikacja tal-gustizzja – "justice delayed is justice denied";….

Biss f'dan l-istadju il-Qorti bil-fors ikolla tirrimarka li hadet l-impressjoni li r-rikorrent ma tantx kien herqan matul dan iz-zmien biex il-kawzi jigu konkjuzi. Hu ferm rilevanti li wiehed isemmi li l-istess rikorrent halla dawn is-snin kollha jghaddu u ma qajjimx il-kwistjoni qabel. Ir-rikorrent ma ha ebda passi biex jilmenta dwar l-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Min ikollu d-drittijiet tieghu fondamentali lezi ghandu jirreagixxi tempestivament u jitlob il-protezzjoni tal-Qorti minn l-ewwel u mhux ihalli s-snin jghaddu qisu ma gara xejn u meta jigi infurmat li sejjer isir l-ewwel guri jintavola l-proceduri odjerni.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent sofra u ghadu qieghed isofri minn vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Ma irrizultat ebda raguni valida ghaliex specjalment il-guri relattiv ghall-att ta' l-Akkuza 1/86 ghadu ma giex appuntat [specjalment qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni].

Issa r-rikorrent isostni li ghalhekk dawn il-processi ma ghandhomx isiru minhabba li jkun anti-guridiku li l-Qorti tippermetti li celebrazzjoni ta' process kriminali wara li sar

ksur tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat. Dan isostnih minhabba li l-Kostituzzjoni tinsisti fuq “process fi zmien ragonevoli” u ghalhekk dan ma jistax isir “process fi zmien irragonevoli”. L-istess rikorrent sostna li din il-Qorti ma ghandix timxi mal-limitazzjonijiet tal-Qorti ta’ Strasbourg li mponiet fuqha nfisha zewg rimedji fil-kaz tal-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u cioe’ dikjarazzjoni formali li l-applikant huwa vittma ta’ vjolazzjoni tal-Konvenzjoni, u kundanna lill-istat li jhallas danni reali u morali [ il-poter ta’ dik il-Qorti li taghti “just satisfaction” skond l-artikolu 50]. Infatti jsemmi li l-Qorti Ewropew ma tista’ qatt taghti ebda rimedju specifiku ta’ “restitutio in integrum” u tordna l-iskarcerazzjoni ta’ bniedem detenut illegalment. Lanqas ma tista’ tordna li process kriminali li ser isir bi ksur tal-Konvenzjoni ma jsirx [ Harris, Boyle & Warbrich op. Cit p. 682 u 686]. Hu jsostni li la l-Qrati Maltin ma ghandhom ebda restrizzjoni f’dan is-sens ghandhom l-obbligu li jaghtu kull rimedju xieraq a tenur tal-Art 46 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att XIV tal-1987. Hu jsemmi l-kazijiet ta’:

Barker vs Wingo [**fl-Istati Uniti tal-Amerika**] tat-22 ta’ Gunju, 1972 (fejn gie ezaminat ir-remedy of dismissal of the indictment);

Strunk vs U.S [**fl-Istati Uniti tal-Amerika**] moghtija fil-11 ta’ Gunju, 1973;

R vs Climo u R vs Betley [**f’New South Wales, Awstralja**] [fejn waslu ghal li the proceedings should be perpetually stayed];

Nwankwo vs The Queen [**fin-Nigerja** ];

Askov vs Her Majesty the Queen [**fil-Canada**] moghtija fit-18 ta’ Ottubru, 1990.

Ikkunsidrat

Din il-Qorti hasbet fit-tul u ezaminat l-atti kollha tal-process u s-sentenzi imsemmija barranin u lokali u senjatament:

- Dik fl-ismijiet “Gregorio sive Godwin Scicluna vs Avukat Generali et” deciza minn dina l-Qorti fl-14 ta’ Lulju, 1995 [fejn il-Qorti iddikjarat il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, u li fehmet li bhala konsegwenza diretta ta’ dik is-sentenza l-Qorti Kriminali kienet sejra tipprocedi

biex minn l-ewwel tisma' l-kawza kontra l-applikant f'dik il-kawza izda ma laqghetx it-talba li ma jsirux il-proceduri kriminali kontra l-applikant];

- Il-kawza "John Saliba vs Avukat Generali" deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' April 1998,
- Il-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Ellul Sullivan" ta` l-24 ta' Jannar 1991 [fejn il-Qorti imponiet terminu ta' sitt xhur biex tigi konkluza l-procedura tar-rogatorji].

Il-kawza ta' Scicluna hi simili ghall-kaz odjern ghalkemm iz-zmien f'dik il-kawza kien iqsar.

Interessanti hafna hu dak li insibu f'"Van Dijk and Van Hoof pag. 335:
"In Criminal proceedings the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the reasonable time has been transgressed; another more appropriate compensation should be awarded to the victim of that transgression."

Hu essenzjali li ssir ukoll gustizzja mas-socjeta' u din il-Qorti f'dan il-kaz ma tistax taccetta ir-"remedy of dismissal of the indictment". Wara kollox kieku r-rikorrent istitwixxa ferm qabel proceduri bhal dawk odjerni kien ikollu dan ir-rimedju ferm qabel. Ukoll parti mid-dewmien kien attribwibbli ghan-naha tieghu. Kien ikun ferm differenti l-kaz li kieku r-rikorrent istitwixxa proceduri bhal dawk odjerni u xorta wahda l-proceduri jibqghu ma jsirux. Li kieku din il-Qorti kella tilqa' t-talba tar-rikorrent din tkun effettivament qedgha tilliberah minghajr ezami tal-kazi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tiddikjara:

1) Li r-rikorrent sofra u ghadu qieghed isofri vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli li ghalhekk jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2) Timponi terminu ta' sitt xhur biex jigu appuntati l-gurijiet in segwitu ta' l-atti ta' Akkuzi 1/86 u 1/91. Tordna lir-Registratur biex igib din is-sentenza a konjizzjoni tar-Registru tal-Qorti Kriminali biex l-gurijiet jigu appuntati.

3) Tiddikjara li r-rikorrent jisthoqqlu kumpens ta' hames mitt lira maltija [LM500] talli ma tharisx id-dritt fundamentali tieghu, u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent din is-somma.
L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti."

Il-Qorti ghalhekk certament thoss li sar dewmien esagerat f' din il-kawza izda li r-rikorrent minn naha l-ohra hu stess ibbenefika wkoll minn dan id-dewmien specjalment in vista tar-riduzzjoni tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell. Il-Qorti kienet disposta precedentement li kif ghamlet fil-kawza kkwotata ta' Joseph Attard tati kumpens finanzjarju zghir lir-rikorrent izda f' din il-kawza r-rikorrent rega' bbenefika mill-mahfra Presidenzjali u ghalhekk il-Qorti ma thossx li fic-cirkostanzi tal-kaz l-istess rikorrent jimmerita tali kumpens finanzjarju specjalment meta wiehed jikkunsira s-serjeta` ta' dak li gie misjub hati tieghu u xi ftit piena bata.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------